Nru./No. 21,724
Prezz/Price
€5.40

# Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
## The Malta Government Gazette

**Il-Ġimgħa, 25 ta' Settembru, 2026**
**Friday, 25th September, 2026**

**Pubblikata b'Awtorità**
**Published by Authority**

## SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 16,921 - 16,961
*Government Notices* ..... *16,921 - 16,961*

Avviżi tal-Pulizija ..... 16,961 - 16,966
*Police Notices* ..... *16,961 - 16,966*

Avviżi lill-Baħħara ..... 16,966 - 16,969
*Notices to Mariners* ..... *16,966 - 16,969*

Opportunitajiet ta' Impjieg ..... 16,969 - 17,012
*Employment Opportunities* ..... *16,969 - 17,012*

Avviżi tal-Gvern ..... 17,013 - 17,022
*Notices* ..... *17,013 - 17,022*

Offerti ..... 17,022 - 17,026
*Tenders* ..... *17,022 - 17,026*

Avviżi tal-Qorti ..... 17,026 - 17,036
*Court Notices* ..... *17,026 - 17,036*

## NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

**Nru. 1435**

**UFFIĊĊJU TAL-PRESIDENT**

**Kostituzzjoni ta' Malta**
**Artikolu 96A (6) (d)**

*Ħatra ta' Mħallfin*

IL-PRESIDENT ta' Malta tgħarraf li wara li fis-17 ta' Lulju, 2026, saret sejħa pubblika mill-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, Dott. Clifton Grima għal ħatra ta' żewġ Imħallfin ġodda, li l-applikazzjonijiet għaliha kienu jagħlqu fis-7 ta' Awwissu, 2026, fis-7 ta' Settembru, 2026, ingħatajt Rapport ai termini tal-Artikolu 96A (6) (d) tal-Kostituzzjoni ta' Malta datat ukoll 7 ta' Settembru, 2026, maħruġ mill-Kumitat dwar il-Ħatriet tal-Ġudikatura mwaqqaf bl-Artikolu 96 A tal-Kostituzzjoni ta' Malta: dan wara żewġ laqgħat tal-istess Kumitat, waħda interna fejn ġie diskuss il-proċess intern ta' implimentazzjoni u laqgħa oħra li saret nhar l-Erbgħa, 2 ta' Settembru, 2026, fejn ġew intervistati u evalwati l-wieħed u għoxrin (21) persuna eliġibbli li ssottometew espressjoni ta' interess għal din il-ħatra.

Dan ir-Rapport poġġa għall-kunsiderazzjoni tiegħi l-ismijiet ta' tliet kandidati li skont ir-rapport kienu l-aktar idonei għal din il-ħatra u minn dawn it-tliet ismijiet skont l-Artikolu 96 A (6) (d) tal-Kostituzzjoni ta' Malta l-President ta' Malta tagħżel wieħed.

It-tliet ismijiet imressqa f'ordni alfabetika li fil-fehma tal-Kumitat kienu l-aktar idonei u meritevoli għall-kariga ta' Mħallef kienu dawn:

1. Il-Maġistrat Leonard Caruana
2. Il-Maġistrat Elaine Rizzo, u
3. Il-Maġistrat Gabriella Vella

Minn dawn it-tliet ismijiet jiena għażilt dak ta' Leonard Caruana.

Fit-17 ta' Settembru, 2026, għarraft lill-Kumitat li l-għażla tiegħi skont l-istess Artikolu 96 A (6) (d) kienet ta':

Il-Maġistrat Leonard Caruana

## GOVERNMENT NOTICES

**No. 1435**

**OFFICE OF THE PRESIDENT**

**Constitution of Malta**
**Article 96A (6) (d)**

*Appointment of Judges*

THE President of Malta hereby notifies that following the public call on the 17th of July, 2026, by the Minister for Justice, Research and Innovation, Dr Clifton Grima, for the appointment of two new Judges, for which applications had to be received by the 7th of August, 2026, on the 7th of September, 2026, I was given a Report in terms of Article 96A (6) (d) of the Constitution of Malta also dated the 7th of September, 2026, issued by the Committee on Judicial Appointments established by Article 96 A of the Constitution of Malta: this following two meetings of the same Committee, an internal meeting that discussed the internal implementation process and another meeting held on Wednesday 2nd September, 2026, when the twenty one (21) eligible individuals who submitted expressions of interest for this appointment were interviewed and evaluated.

This Report submitted for my consideration the names of three candidates who according to the report were the most suitable and from these three names the President of Malta in accordance with Article 96 A (6) (d) of the Constitution of Malta selects one name.

The three names submitted in alphabetical order which in the opinion of the Committee were the most suitable and deserving for the position of Judge were these:

1. Magistrate Leonard Caruana
2. Magistrate Elaine Rizzo, and
3. Magistrate Gabriella Vella

From these three names I chose that of Leonard Caruana.

On the 17th of September, 2026, I informed the Committee that in accordance with the same Article 96 A (6) (d) I choose:

Magistrate Leonard Caruana

Sussegwentament nhar il-22 ta' Settembru, 2026, is-Segretarju tal-Kumitat wassalli t-tieni Rapport dettaljat, naxxenti wkoll dan ir-Rapport, mil-laqgħa tal-Kumitat tat-2 ta' Settembru, 2026, fejn saru l-intervisti individwali mal-kandidati, bl-ismijiet skont l-Artikolu 96 A (6) (d) tal-Kostituzzjoni ta' Malta ta' tliet kandidtai li fil-fehma tal-Kumitat kienu l-aktar idonei u meritevoli għall-kariga ta' Mħallef.

It-tliet ismijiet f'ordni alfabetika kienu dawn:

1. Il-Maġistrat Jean Paul Grech
2. Il-Maġistrat Rizzo Elaine, u
3. Il-Maġistrat Gabriella Vella

L-għażla tiegħi minn dawn it-tliet ismijiet skont l-istess Artikolu 96 A (6) (d) tal-Kostituzzjoni ta' Malta hija ta':

Il-Maġistrat Elaine Rizzo

Billi skont l-Artikolu 96 (1) tal-Kostituzzjoni l-Imħallfin tal-Qrati Superjuri jiġu maħtura mill-President li taġixxi fuq rakkomandazzjonijiet magħmula mill-Kumitat dwar Ħatriet tal-Ġudikatura stabbilit bl-Artikolu 96 A tal-Kostituzzjoni, il-President taħtar, f'ordni alfabetika lis-segwenti persuni sabiex iservu ta' Mħalfin tal-Qrati Superjuri:

Il-Maġistrat Leonard Caruana
Il-Maġistrat Elaine Rizzo

L-ismijiet tal-Kandidati li fl-opinjoni tal-Kumitat dwar il-Ħatriet tal-Ġudikatura kienu idonei u meritevoli u li tressqu għall-għażla tal-President bil-proċedura stabbilita mill-Artikolu 96 A (6) (d) u li skont l-istess Artikolu huwa mistenni li jiġu pubblikati huma dawk li jidhru aktar 'il fuq f'din l-istqarrija.

B'dan ikun dikjarat illi l-ħatra ta' żewġ Imħalfin skont is-sejħa pubblika maħruġa mill-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, fit-17 ta' Lulju, 2026, ġiet sodisfatta u eżawrita.

Il-President tifraħ lill-Ġudikanti Mħallfin ġodda u tirringrazzja lill-membri tal-Kumitat dwar il-Ħatriet tal-Ġudikatura għax-xogħol metikoluż li wettqu.

L-24 ta' Settembru, 2026

Subsequently on the 22th of September, 2026, the Secretary of the Committee delivered a second detailed Report, also emanating from the Committee's sitting of the 2nd September, 2026, when individual interviews with candidates were held, with the names in accordance with Article 96 A (6) (d) of the Constitution of Malta of three candidates, who in the opinion of the Committee were the most suitable and deserving for the office of Judge.

The three names submitted, in alphabetical order were the following:

1. Magistrate Jean Paul Grech
2. Magistrate Rizzo Elaine, and
3. Magistrate Gabriella Vella

My choice from these three names in accordance with the same Article 96 A (6) (d) of the Constitution of Malta is:

Magistrate Elaine Rizzo

Whereas in accordance with Article 96 (1) of the Constitution Judges of the Superior Courts are appointed by the President acting on recommendations made by the Judicial Appointments Committee established by Article 96 A of the Constitution, the President appoints, in alphabetical order, the following persons to serve as Judges of the Superior Courts:

Magistrate Leonard Caruana
Magistrate Elaine Rizzo

The names of the Candidates who in the opinion of the Judicial Appointments Committee were suitable and meritorious and who were submitted for selection by the President in accordance with the procedure established by Article 96 A (6) (d) which names are to be published in accordance with the same Article are those which appear above in this statement.

It is hereby declared that the appointment of two Judges in accordance with the public call issued by the Minister for Justice, Research and Innovation on the 17th of July, 2026, has been fulfilled and exhausted.

The President congratulates the newly appointed Judges and thanks the members of the Judicial Appointments Committee for the meticulous work they have carried out.

24th September, 2026

**Nru. 1436**

## MINISTERU GĦALL-FONDI EWROPEJ, ID-DJALOGU SOĊJALI U L-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR

### Ħatra tal-Kumitat tas-Soċjetà Ċivili

SKONT l-artikolu 6 tal-Att dwar il-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali, il-Prim Ministru approva l-ħatra tal-Kumitat tas-Soċjetà Ċivili kif ġej:

*Membri*

Is-Sa Mary Gaerty (Chairperson) f'isem is-settur tal-ugwaljanza tas-sessi

Is-Sa Mariella Borg Buontempo (Vice Chairperson) f'isem is-settur tas-saħħa, anzjani u l-pensjonanti

Is-Sa Cynthia Busuttil f'isem is-settur tal-affarijiet tal-konsumatur

Is-Sur James Licari f'isem is-settur tal-ħarsien u t-titjib tal-ambjent, inkluż il-protezzjoni tal-annimali, tal-kultura, l-arti u l-wirt nazzjonali

Is-Sur Mario Fava f'isem il-kunsilli lokali

Is-Sa Gertrude Buttigieg f'isem is-settur ta' organizzazzjonijiet volontarji oħra li huma iskritti u li mhumiex rappreżentati u li ma jipparteċipawx fis-setturi ta' attività, fuq imsemmija fi ħdan is-soċjetà ċivili.

Is-Sa Gail Debono f'isem is-settur tal-professjonijiet

Is-Sur Michael Gatt f'isem is-settur taż-żgħażagħ u l-istudenti

Is-Sur Rene Savona Ventura f'isem is-settur tal-isports

Is-Sa Sarah Bondin f'isem is-settur tal-edukazzjoni u l-avvanz soċjali fil-komunità

Is-Sa Karen Buttigieg f'isem is-settur tal-persuni b'diżabbiltà

*Membri Sostituti*

Is-Sa Daniela Cassola f'isem is-settur tal-ugwaljanza tas-sessi

Is-Sur Ben Rizzo f'isem is-settur tas-saħħa, anzjani u l-pensjonanti

Is-Sa Pauline Azzopardi f'isem is-settur tal-affarijiet tal-konsumatur

Dott. Evelyn Pullicino f'isem is-settur tal-ħarsien u t-titjib tal-ambjent, inkluż il-protezzjoni tal-annimali, tal-kultura, l-arti u l-wirt nazzjonali

Is-Sur Anthony Chircop f'isem il-kunsilli lokali

**No. 1436**

## MINISTRY FOR EUROPEAN FUNDS, SOCIAL DIALOGUE AND CONSUMER PROTECTION

### Appointment of the Civil Society Committee

IN terms of article 6 of the Malta Council for Economic and Social Development Act, the Prime Minister has approved the appointment of the Civil Society Committee as follows:

*Members*

Ms Mary Gaerty (Chairperson), representing the gender equality sector

Ms Mariella Borg Buontempo (Vice Chairperson), representing the health, elderly and pensioners' sector

Ms Cynthia Busuttil, representing the consumer affairs sector

Mr James Licari, representing the environmental protection and improvement, including the protection of animals, culture, arts and national heritage sector

Mr Mario Fava, representing the local councils

Ms Gertrude Buttigieg, representing other voluntary organisations which are enrolled and are not represented, and which do not participate in any of the above sectors of activity within civil society

Ms Gail Debono, representing the professions sector

Mr Michael Gatt, representing the youth and students' sector

Mr Rene Savona Ventura, representing the sports sector

Ms Sarah Bondin, representing the education, social and community advancement sector

Ms Karen Buttigieg, representing the persons with disability sector

*Substitute Members*

Ms Daniela Cassola, representing the gender equality sector

Mr Ben Rizzo, representing the health, elderly and pensioners' sector

Ms Pauline Azzopardi, representing the consumer affairs sector

Dr Evelyn Pullicino, representing the environmental protection and improvement, including the protection of animals, culture, arts and national heritage sector

Mr Anthony Chircop, representing the local councils

Is-Sur Mauro Pace Parascandolo f'isem is-settur ta' organizzazzjonijiet volontarji oħra li huma iskritti u li mhumiex rappreżentati u li ma jipparteċipawx fis-setturi ta' attività, fuq imsemmija fi ħdan is-soċjetà ċivili

L-Inġ. Saviour Baldacchino f'isem is-settur tal-professjonijiet

Is-Sa Maria Galea f'isem is-settur taż-żgħażagħ u l-istudenti

Dott. Nicole Cannataci f'isem is-settur tal-isports

Il-Prof. Michael Briguglio f'isem is-settur tal-edukazzjoni u l-avvanz soċjali fil-komunità

Dawn il-ħatriet huma validi għal sentejn b'seħħ mis-17 ta' Settembru, 2026.

It-22 ta' Settembru, 2026

**Nru. 1437**

**ATT DWAR L-AWTORITÀ GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI TA' GĦAWDEX (KAP. 600)**

**Rinunzja għall-Iskwalifika – Chairperson tal-Awtorità għall-Iżvilupp Reġjonali ta' Għawdex**

BIS-SAĦĦA tal-artikolu 3(4) tal-Att dwar l-Awtorità għall-Iżvilupp Reġjonali ta' Għawdex (Kap. 600), u wara li ġiet ikkunsidrata d-dikjarazzjoni ppreżentata mis-Sa Abigail Camilleri, il-Ministru għal Għawdex irrinunzja għal kull skwalifika li tista' taffettwa l-ħatra tagħha bħala membru tal-Bord tal-Awtorità għall-Iżvilupp Reġjonali ta' Għawdex. Il-Ministru huwa sodisfatt li ċ-ċirkustanzi li taw lok għall-iskwalifika la joħolqu kunflitt ta' interess attwali u lanqas potenzjal li jista' jippreġudika t-twettiq xieraq tad-dmirijiet tagħha. Dan apparti li ġie ddeterminat li l-għoti ta' din ir-rinunzja huwa xieraq fl-interess pubbliku. B'hekk, tenut dawn iċ-ċirkostanzi, il-ħatra tagħha tipproċedi.

Il-25 ta' Settembru, 2026

**Nru. 1438**

**BORD TAL-AWTORITÀ GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI TA' GĦAWDEX**

IL-MINISTRU għal Għawdex ħatar il-bord għall-Awtorità għall-Iżvilupp Reġjonali ta' Għawdex kif ġej;

*Chairperson*
Is-Sa Abigail Camilleri

*Viċi Chairperson*
Is-Sa Charlene Xerri Gatt

Mr Mauro Pace Parascandolo, representing other voluntary organisations which are enrolled and are not represented, and which do not participate in any of the above sectors of activity within civil society

Inġ. Saviour Baldacchino, representing the professions sector

Ms Maria Galea, representing the youth and students' sector

Dr Nicole Cannataci, representing the sports sector

Prof. Michael Briguglio, representing the education, social and community advancement sector

These appointments are valid for two years with effect from 17th September, 2026.

22nd September, 2026

**No. 1437**

**ARTICLE 3(4) OF THE GOZO REGIONAL DEVELOPMENT AUTHORITY ACT (CAP. 600)**

**Waiver of Disqualification – Chairperson of the Gozo Regional Development Authority**

IN virtue of Article 3(4) of the Gozo Regional Development Authority Act (Cap. 600), and having considered the declaration submitted by Ms Abigail Camilleri, the Minister for Gozo has waived any disqualification that may affect her appointment as a member of the Board of the Gozo Regional Development Authority. The Minister is satisfied that the circumstances giving rise to the disqualification do not create any actual or potential conflict of interest that could prejudice the proper discharge of her duties. Moreover, it has been determined that granting the waiver is appropriate in the public interest. Therefore, her appointment can proceed.

25th September, 2026

**No. 1438**

**BOARD OF GOZO REGIONAL DEVELOPMENT AUTHORITY**

THE Minister for Gozo has appointed the Gozo Regional Development Authority Board as follows;

*Chairperson*
Ms Abigail Camilleri

*Vice-Chairperson*
Ms Charlene Xerri Gatt

*Membri*
Is-Sur Daniel Borg
Dott. Samuel Azzopardi
Is-Sur Anthony Bezzina
Is-Sur Ronald Mizzi
Is-Sur Anthony Farrugia

Dawn il-ħatriet huma effettivi mill-24 ta' Settembru, 2026, għal perjodu ta' sena (1).

Il-25 ta' Settembru, 2026

**Nru. 1439**

**MINISTERU GĦALL-INTERN U S-SIGURTÀ**

**Ħatra tal-Membri tal-Aġenzija għas-Sapport tal-Vittmi – Bord tal-Gvernaturi**

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà approva l-ħatra tal-Aġenzija għas-Sapport tal-Vittmi – Bord tal-Gvernaturi, maħtura skont Artikolu 10 tal-Avviż Legali 418 tal-2020, u jikkonsistu kif ġej sal-31 ta' Awwissu, 2029:

*Chairperson*
Is-Sur Brian Farrugia

*Membri*
Is-Sa Christy Bonello
Is-Sa Kylie D'Amato
Is-Sur Jeremy Camilleri
L-Ispettur Sylvana Gafà

Il-25 ta' Settembru, 2026

**Nru. 1440**

**ĦATRA TA' AĠENT NUTAR PRINĊIPALI TAL-GVERN**

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni approva l-ħatra temporanja li ġejja:

*Members*
Mr Daniel Borg
Dr Samuel Azzopardi
Mr Anthony Bezzina
Mr Ronald Mizzi
Mr Anthony Farrugia

These appointments are effective from the 24th September, 2026, for a period of one (1) year.

25th September, 2026

**No. 1439**

**MINISTRY FOR HOME AFFAIRS AND SECURITY**

**Appointment of Members of the Victim Support Agency – Board of Governors**

IT is hereby notified for general information that the Minister for Home Affairs and Security has approved that the Victim Support Agency – Board of Governors, appointed in terms of Article 10 of Legal Notice 418 of 2020, be constituted as follows up to 31st August, 2029:

*Chairperson*
Mr Brian Farrugia

*Members*
Ms Christy Bonello
Ms Kylie D'Amato
Mr Jeremy Camilleri
Inspector Sylvana Gafà

25th September, 2026

**No. 1440**

**APPOINTMENT OF ACTING CHIEF NOTARY TO GOVERNMENT**

THE Permanent Secretary in the Ministry for Justice, Research and Innovation has approved the following temporary acting appointment:

| ISEM<br>*NAME* | POST<br>*POST* | UFFIĊĊJU<br>*OFFICE* | DATA<br>*DATE* |
|---|---|---|---|
| In-Nutar Dott. Paul Callus | Aġent Nutar Prinċipali tal-Gvern<br>*Acting Chief Notary to Government* | Uffiċċju tan-Nutar tal-Gvern<br>*Office of the Notary to Government* | 1.10.2026-7.10.2026 |

Il-25 ta' Settembru, 2026

25th September, 2026

**Nru. 1441**

**ĦATRA TA'AĠENT KUMMISSARJU TAT-TAXXI U D-DWANA**

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għall-Finanzi approva l-ħatra temporanja li ġejja:

| ISEM<br>*NAME* | POŻIZZJONI<br>*POSITION* | DIPARTIMENT<br>*DEPARTMENT* | DATA<br>*DATE* |
|---|---|---|---|
| Is-Sur Aldo Farrugia | Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana<br>*Commissioner for Tax and Customs* | Uffiċċju tal-Kummissarju<br>*Office of the Commissioner* | 5.10.2026-8.10.2026 |

Il-25 ta' Settembru, 2026

**No. 1441**

**APPOINTMENT OF ACTING COMMISSIONER FOR TAX AND CUSTOMS**

THE Permanent Secretary in the Ministry for Finance has approved the following acting appointment:

25th September, 2026

**Nru. 1442**

**ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)**

**Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur**

NGĦARRFU b'dan illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtijin bl-artikolu 20 tal-Att dwar il-Professjoni u Arkivji Nutarili, il-Qorti ta' Reviżjoni Nutarili nnominat lin-Nutar Dott. Maria Cristina Calleja Tufigno bħala nutar delegat u konservatur tal-atti tan-Nutar Dott. Samuel Bezzina u dan għall-perjodu bejn il-11 ta' Settembru, 2026 u l-14 ta' Settembru, 2026.

Illum l-Erbgħa, 23 ta' Settembru, 2026

RUTH PISCOPO
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

**No. 1442**

**NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)**

**Appointment of Notary Delegate/Keeper**

IT is hereby notified that in exercise of the powers conferred by Section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr Maria Cristina Calleja Tufigno to be notary delegate and keeper of the Acts for Notary Dr Samuel Bezzina for the period between the 11th September, 2026 and the 14th September, 2026.

Today Wednesday, 23rd September, 2026

RUTH PISCOPO
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

**Nru. 1443**

**ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)**

**Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur**

NGĦARRFU b'dan illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtijin bl-artikolu 20 tal-Att dwar il-Professjoni u Arkivji Nutarili, il-Qorti ta' Reviżjoni Nutarili nnominat lin-Nutar Dott. Paul Callus bħala nutar delegat u konservatur tal-atti tan-Nutar Dott. Keith Francis German u dan għall-perjodu bejn it-30 ta' Settembru, 2026 u s-7 ta' Ottubru, 2026.

Illum l-Erbgħa, 23 ta' Settembru, 2026

RUTH PISCOPO
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

**No. 1443**

**NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)**

**Appointment of Notary Delegate/Keeper**

IT is hereby notified that in exercise of the powers conferred by Section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr Paul Callus to be notary delegate and keeper of the Acts for Notary Dr Keith Francis German for the period between the 30th September, 2026 and the 7th October, 2026.

Today Wednesday, 23rd September, 2026

RUTH PISCOPO
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

**Nru. 1444**

# Repubblika ta' Malta
## Ministeru għall-Finanzi
## Dipartiment tat-Teżor

# Ħruġ ta' Stocks tal-Gvern ta' Malta
# Ħruġ Magħqud (Combined Issuance)

**4.30% Stock tal-Gvern ta' Malta 2037 (II)**
Investituri mhux Professjonali (Retail) - ISIN: **MT0000014341**
Investituri Wholesale (B' Irkant) - ISIN: **MT0000014358**
Wara l-ħlas tal-ewwel imgħax l-istock jingħaqad taħt ISIN: **MT0000014366**

u

**4.50% Stock tal-Gvern ta' Malta 2041 (III)**
Investituri mhux Professjonali (Retail) - ISIN: **MT0000014374**
Investituri Wholesale (B' Irkant) - ISIN: **MT0000014382**
Wara l-ħlas tal-ewwel imgħax l-istock jingħaqad taħt: ISIN: **MT0000014390**

**Ħruġ Magħqud (Combined Issuance) ta' Euro 300,000,000, soġġett għad-dritt li l-ammont jiżdied b'somma addizzjonali sa massimu ta' Euro 200,000,000 fil-każ li d-domanda taqbeż l-ammont offrut.**

**Data taċ-Ċirkolari tal-Offerta: 25 ta' Settembru, 2026**

**ĊIRKOLARI TAL-OFFERTA**

**1. Ħruġ ta' Stocks tal-Gvern ta' Malta**

L-Accountant General qiegħed joffri s-somma totali ta' Euro 300,000,000 nominali, fi Stock tal-Gvern ta' Malta, f'xi wieħed jew f'kull wieħed minn dawn iż-żewġ Stocks imsemmija hawn taħt:

(1) **4.30% Stock tal-Gvern ta' Malta 2037 (II)**; u
(2) **4.50% Stock tal-Gvern ta' Malta 2041 (III).**

**2. Ġenerali**

Din iċ-Ċirkolari tal-Offerta qiegħda tinħareġ skont l-artikolu 25(1) tal-Att dwar Self tal-Gvern u l-Amministrazzjoni tad-Dejn Pubbliku (Kap. 575 tal-Liġijiet ta' Malta), ir-regola 6(3) tar-Regolamenti tal-istocks tal-Gvern ta' Malta u skont l-arranġamenti kif deskritti fil-Prospett Ġenerali tal-istocks tal-Gvern ta' Malta relatati mal-ħruġ ta' Stocks tal-Gvern ta' Malta ppublikat fil-Gazzetta tal-Gvern tat-30 ta' Novembru 2018 flimkien mal-emendi sussegwenti li ġew ippubblikati tramite Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 176 ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern ta' nhar il-Ħamis 9 ta' Frar 2023. It-termini tal-Prospett Ġenerali japplikaw għall-istocks tal-Gvern ta' Malta msemmija aktar 'l fuq u għall-metodu li bih qegħdin jinħarġu (ħruġ magħqud) f'din iċ-Ċirkolari tal-Offerta ħlief meta speċifikament jiġi provdut mod ieħor.

Il-Malta Stock Exchange plc, kumpanija pubblika b'responsabbiltà limitata legalment irreġistrata u validament eżistenti taħt il-liġijiet ta' Malta bin-numru tar-reġistrazzjoni tal-kumpanija C42525 u bl-uffiċċju tagħha rreġistrat f'Garrison Chapel, Castille Place, il-Belt Valletta, VLT 1063, Malta, ġiet appuntata esklussivament bħala Maniġer tar-Reġistrazzjoni tat-Teżor **għall-parti mhux kompetittiva tal-ħruġ intenzjonat għall-investituri mhux professjonali (retail).**

**3. Ħlas ta' Mgħax**

L-imgħax fuq kull Stock jitħallas kull sitt xhur b'lura u jinħadem skont sub-artikoli 4.1 (a) sa 4.1 (d) tal-Prospett Ġenerali.

(a) Imgħax bir-rata ta' 2.15% tal-4.30% Stock tal-Gvern ta' Malta 2037 (II) jitħallas kull sitt xhur b'lura fis-17 ta' Marzu u fis-17 ta' Settembru ta' kull sena waqt il-kors tal-istock ħlief għall-ewwel ħlas ta' mgħax li jsir fis-17 ta' Marzu 2027 kif ġej:

(i) Fil-każ ta' applikazzjonijiet sottomessi mill-membri tal-pubbliku taħt sub-artikolu 5 (a) aktar 'l isfel (ħruġ mhux kompetittiv) li jiġu aċċettati, l-ewwel ħlas ta' mgħax isir bir-rata ta' 1.853039% u jkopri mgħax imħallas b'lura għall-perjodu mit-12 ta' Ottubru 2026 (id-data tal-ħruġ) sas-16 ta' Marzu 2027 (iż-żewġ dati inklużi);

(ii) Fil-każ ta' offerti sottomessi minn investituri wholesale taħt sub-artikolu 5 (b) aktar 'l isfel (ħruġ b'irkant) li jiġu aċċettati, l-ewwel ħlas ta' mgħax isir bir-rata ta' 1.841160% u jkopri mgħax imħallas b'lura għall-perjodu mid-data meta jsir il-ħlas tal-irkant, mit-13 ta' Ottubru 2026 (id-data tal-ħruġ) sas-16 ta' Marzu 2027 (iż-żewġ dati inklużi).

(b) Imgħax bir-rata ta' 2.25% tal-4.50% Stock tal-Gvern ta' Malta 2041 (III) jitħallas kull sitt xhur b'lura fit-22 ta' Frar u t-22 ta' Awwissu ta' kull sena waqt il-kors tal-istock ħlief għall-ewwel ħlas ta' mgħax li jsir fit-22 ta' Frar 2027 kif ġej:

(i) Fil-każ ta' applikazzjonijiet sottomessi mill-membri tal-pubbliku taħt sub-artikolu 5 (a) aktar 'l isfel (ħruġ mhux kompetittiv) li jiġu aċċettati, l-ewwel ħlas ta' mgħax isir bir-rata ta' 1.626359% u jkopri mgħax imħallas b'lura għall-perjodu mit-12 ta' Ottubru 2026 (id-data tal-ħruġ) sal-21 ta' Frar 2027 (iż-żewġ dati inklużi);

(ii) Fil-każ ta' offerti sottomessi minn investituri wholesale taħt sub-artikolu 5 (b) aktar 'l isfel (irkant) li jiġu aċċettati, l-ewwel ħlas ta' mgħax isir bir-rata ta' 1.614130% u jkopri mgħax imħallas b'lura għall-perjodu mid-data meta jsir il-ħlas tal-irkant, mit-13 ta' Ottubru 2026 (id-data tal-ħruġ) sal-21 ta' Frar 2027 (iż-żewġ dati inklużi).

**4. Maturità**

L-istocks li ser jinħarġu ser jinfdew kif jidher hawn taħt:

(a) **L-4.30% Stock tal-Gvern ta' Malta 2037 (II)** għandu jinfeda b'paritá fit-**17 ta' Marzu 2037**; u
(b) **L-4.50% Stock tal-Gvern ta' Malta 2041 (III)** għandu jinfeda b'paritá fl-**22 ta' Awwissu 2041**.

**5. Ħruġ u Metodu ta' kif isiru l-Applikazzjonijiet**

Il-ħruġ tal-istocks tal-Gvern ta' Malta għandu jsir permezz ta' ħruġ magħqud (combined issuance) magħmul minn żewġ elementi, (1) porzjon ta' ħruġ mhux kompetittiv tipikament għas-settur ta' investituri mhux professjonali (retail) u fl-istess ħin, (2) porzjon ta' ħruġ b'irkant kompetittiv għall-investituri wholesale.

(a) Investituri mhux Professjonali (Retail Investors):

Applikazzjonijiet fil-parti mhux kompetittiva tal-ħruġ jistgħu jsiru minn investituri eliġibbli mhux professjonali (retail) f'isimhom għall-benefiċċju tagħhom jew flimkien ma' individwu eliġibbli wieħed jew aktar. L-applikazzjonijiet għandhom isiru skont is-sub-artikolu 6.2 sa sub-artikolu 6.7 tal-Prospett Ġenerali.

(i) Applikazzjonijiet magħmula taħt il-ħruġ mhux kompetittiv għandhom isiru għal minimu ta' €100 sa ammont massimu ta' €499,900 nominali kull persuna f'multipli ta' €100, f'xi wieħed jew f'kull wieħed miż-żewġ Stocks, bil-prezz fiss li jiġi stabbilit għal kull Stock skont Artikolu 7 tal-Prospett Ġenerali.

(ii) L-applikazzjonijiet kollha għandhom isiru fuq il-formola preskritta. Formoli tal-applikazzjoni jistgħu jinkisbu mingħand u jiġu depożitati għand il-membri kollha tal-Borża ta' Malta u Provdituri ta' Servizzi ta' Investiment oħra awtorizzati, sa mhux aktar tard mid-data u l-ħin tal-għeluq kif indikat fl-Artikolu 6 (a) aktar 'l isfel. L-Applikazzjonijiet jistgħu jitniżżlu wkoll minn fuq is-sit elettroniku tat-Teżor (https://treasury.gov.mt/servizzi/).

(iii) Applikazzjonijiet li jsiru f'isem 'Nominee a/c' u/jew 'Clients a/c' għan-nom ta' klijenti jiġu aċċettati biss jekk dawn ikollhom magħhom lista' bin-numru tal-karta tal-identità, jew fil-każ ta' korp ġuridiku, in-numru ta' identita' relevanti tal-klijenti rispettivi tagħhom. L-ammont li japplikaw għalih persuna waħda u/jew żewġ persuni jew aktar flimkien li jissotomettu applikazzjoni taħt 'Nominee a/c' u/jew 'Clients a/c' ma jistgħux jeċċedu €499,900 nominali kull persuna f'xi wieħed jew f'kull wieħed miż-żewġ Stocks.

(b) Investituri Wholesale (Irkant):

L-applikazzjonijiet fil-parti kompetittiva tal-ħruġ għandhom isiru permezz ta' offerti b'irkant b'mod kompetittiv skont Artikolu 8 tal-Prospett Ġenerali.

(i) Kull applikazzjoni f'xi wieħed jew f'kull wieħed miż-żewġ Stocks għandhom ikunu magħmulin f'offerti b'irkant għal minimu ta' €500,000 nominali u f'multipli ta' €500,000. Applikanti taħt din il-kategorija ma jistgħux japplikaw ukoll taħt is-sub-artikolu 5 (a).

(ii) Offerti li jridu jsiru fuq il-formoli preskritti għandhom jintbagħtu permezz ta' e-mail fl-indirizzi indikati fuq il-formola tal-applikazzjoni jew jintefgħu fil-Kaxxa tal-Offerti li tinsab fil-binja tat-Teżor fi Triq Sant'Anna, l-Floriana u għandhom jaslu sa mhux aktar tard mid-data u l-ħin tal-għeluq kif indikat fl-Artikolu 6 (b) aktar 'l isfel.

(iii) Formoli tal-applikazzjoni jistgħu jinkisbu mingħand il-membri kollha tal-Borża ta' Malta u provdituri ta' servizzi ta' investiment oħra awtorizzati, jew jistgħu jitniżżlu wkoll minn fuq is-sit elettroniku tat-Teżor (https://treasury.gov.mt/servizzi/).

(c) L-Accountant General jirriżerva d-dritt li jirrifjuta kull applikazzjoni jew parti minnha sottomessa kemm (i) fil-parti mhux kompetittiva tal-ħruġ (retail) jew (ii) fil-parti kompetittiva tal-ħruġ (irkant).

(d) Ebda applikazzjoni ma tista' tiġi rtirata wara l-ħin tal-għeluq.

**6. Ftuħ u Ħin tal-Għeluq tal-Applikazzjonijiet għall-Investituri Mhux Professjonali (retail) u tal-Offerti b'Irkant**

L-applikazzjonijiet jiftħu u jagħlqu fil-ħinijiet u d-dati kif indikati f'paragrafi 6(a) u 6(b) aktar 'l isfel, jew aktar kmieni fid-diskrezzjoni tal-Accountant General:

(a) Investituri mhux professjonali (Retail):

L-applikazzjonijiet mill-investituri mhux professjonali (retail) jiftħu **t-Tnejn, 5 ta' Ottubru, 2026 fit-8.30 a.m. u jagħlqu l-Erbgħa, 7 ta' Ottubru, 2026 fis-2.30 p.m.**

(b) Wholesale (Irkant):

Wara l-għeluq tal-applikazzjonijiet għall-investituri mhux professjonali (retail) ser ikun hemm irkant għall-investituri wholesale. L-applikazzjonijiet magħmulin f'offerti kompetittivi, jiftħu nhar **il-Ġimgħa, 9 ta' Ottubru 2026 fit-8.30 a.m. u jagħlqu f'nofsinhar (ħin lokali) tal-istess ġurnata.**

**7. Pubblikazzjoni tal-Prezz Fiss Marbut mal-Parti tal-Ħruġ Mhux Kompetittiv (Retail)**

L-Accountant General iħabbar il-prezz fiss għal kull Stock offrut taħt il-parti mhux kompetittiva ta' dan il-ħruġ intenzjonat għall-investituri mhux professjonali (retail) nhar **il-Ħamis, l-1 ta' Ottubru 2026** wara l-għeluq tas-suq sekondarju tal-Borża ta' Malta. Il-prezzijiet fissi jiġu ppubblikati mid-Dipartiment tal-Informazzjoni tal-Gvern ta' Malta permezz ta' Stqarrija għall-Istampa u jiġu ppubblikati wkoll fuq is-sit elettroniku tat-Teżor (Stock tal-Gvern ta' Malta - teżor).

**8. Allokazzjoni**

L-Allokazzjoni ssir skont is-sub-artikoli 10.1 (a) sa 10.1 (e) tal-Prospett Ġenerali tal-istock tal-Gvern ta' Malta. L-applikazzjonijiet sottomessi mill-investituri mhux professjonali (retail) li applikaw bil-prezz fiss imħabbar minn qabel taħt il-parti mhux kompetittiva tal-ħruġ jiġu allokati l-ewwel.

**9. Għażla ta' Over-allotment**

Is-somma ta' flus li għandha tinġabar f'xi wieħed jew aktar miż-żewġ Stocks tkun ta' Euro 300,000,000. L-Accountant General jirriserva d-dritt li jżid is-somma li għandha tinġabar b'ammont addizzjonali sa massimu ta' Euro 200,000,000 oħra f'każ li d-domanda tkun aktar mill-ammont offrut.

**10. Fungibility**

L-Accountant General iżomm id-dritt li joħroġ, fil-futur, ammonti addizzjonali minn kull Stock imsemmi fi tranches oħra. Fil-każ ta' aktar ħruġ minn dawn l-istocks, huma jkollhom l-istess drittijiet bħall-istocks eżistenti, u jkunu soġġetti għall-istess termini u kondizzjonijiet li japplikaw għal dawn l-istocks. Fil-każ li dawn l-istocks jerġgħu jinħarġu fil-futur dawn għandhom jiġu integrati mal-istock eżistenti u jitqiesu bħala Stock wieħed.

**11. Negozju fil-Borża ta' Malta**

(a) Skont l-Att dwar is-Swieq Finanzjarji (Kap. 345 tal-Liġijiet ta' Malta), saret applikazzjoni għand l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta biex kull stock jiġi elenkat fil-lista uffiċċjali u jkun jista' jiġi negozjat fis-suq regolat tal-Borża ta' Malta.

(b) Fis-17 ta' Marzu 2027, wara l-pagament tal-ewwel imgħax kif muri f'sub-artikoli 3(a) (i) u 3(a) (ii), kull ammont allokat fl-4.30% Stock tal-Gvern ta' Malta 2037 (II) jiġi integrat u wara jitqies bħala Stock wieħed taħt ISIN **MT0000014366**.

(c) Fit-22 ta' Frar 2027 wara l-pagament tal-ewwel imgħax kif muri f'sub-artikoli 3(b) (i) u 3(b) (ii) kull ammont allokat fl-4.50% Stock tal-Gvern ta' Malta 2041 (III) jiġi integrat u wara jitqies bħala Stock wieħed taħt ISIN **MT0000014390**.

**12. Ħlas għall-Bejgħ tal-istocks**

(a) Investituri mhux Professjonali (Retail):

L-ammont dovut mingħand l-investituri mhux professjonali (retail) għall-applikazzjonijiet magħmula taħt il-parti tal-ħruġ mhux kompetittiv għandu jitħallas mal-applikazzjoni skont is-sub-artikolu 13.1 (a) tal-Prospett Ġenerali.

(b) Investituri Wholesale (Irkant):

L-offerenti li l-offerti tagħhom jiġu milqugħa fl-irkant għandhom iħallsu l-ammont dovut skont is-sub-artikoli 13.1 (b) sa 13.1 (e) tal-Prospett Ġenerali. Għaldaqstant, il-ħlas tal-offerti milqugħa għandu jsir sa mhux aktar tard **mill-10.00 ta' filgħodu (ħin lokali) tat-Tlieta, 13 ta' Ottubru 2026 skont il-konvenzjoni tas-suq T+2.**

**13. Liġi Applikabbli u Ġurisdizzjoni**

Il-leġislazzjoni rilevanti li taħtha qegħdin jinħarġu l-istocks tal-Gvern ta' Malta hi (a) l-Att dwar Self tal-Gvern u l-Amministrazzjoni tad-Dejn Pubbliku (Kap. 575 tal-Liġijiet ta' Malta), (b) l-Att li jimplimenta Miżuri tal-Estimi (Kap. 655), (c) ir-Regolamenti dwar l-istocks tal-Gvern ta' Malta u (d) l-Prospett Ġenerali tal-istock tal-Gvern ta' Malta.

Kull proċeduri legali li jkollhom x'jaqsmu ma' dawn il-prospetti li jirregolaw il-ħruġ tal-istocks tal-Gvern ta' Malta għandhom ikunu regolati u nterpretati skont il-liġijiet ta' Malta. Il-Qrati Maltin għandhom ġurisdizzjoni esklussiva biex jisimgħu u jiddeċiedu f'kull tilwima li tista' tinqala' taħt dawn il-prospetti.

**14. Klawsoli ta' Azzjonijiet Kollettivi (KAK)**

Dawn l-istocks huma soġġetti għall-Klawsoli ta' Azzjonijiet Kollettivi li sommarju tagħhom jinsab fil-Prospett Ġenerali tal-istock tal-Gvern ta' Malta. Il-KAK sħaħ u fid-dettal kollu tagħhom jinsabu fuq is-sit elettroniku tat-Teżor (https://treasury.gov.mt/klawzoli-ta-azzjoni-kollettiva/). Skont id-deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew tal-24 u l-25 ta' Marzu 2011, u skont paragrafu 3 tal-Artikolu 12 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Mekkaniżmu ta' Stabbilità Ewropea (ESM), il-mudell KAK sar mandatorju għat-titoli ġodda tal-gvern li jimmaturaw 'l fuq minn sena maħruġa mill-pajjiżi taż-żona euro, mill-1 ta' Jannar 2013 'il quddiem.

**Nota**: Il-valur tal-investiment jista' jitla' jew jinżel matul iż-żmien li l-istock ikun fis-suq.

It-Teżor
Direttorat għall-Amministrazzjoni tad-Dejn Pubbliku
Il-Furjana - Malta

Il-25 ta' Settembru, 2026

No. 1444

# Republic of Malta
## Ministry for Finance
## Treasury Department

# Issue of Malta Government Stocks
# Combined Issuance

**4.30% Malta Government Stock 2037 (II)**
Retail Investors - ISIN: **MT0000014341**
Wholesale Investors (Auction) - ISIN: **MT0000014358**
ISIN following the merge of the Stock after the first interest payment: **MT0000014366**

and

**4.50% Malta Government Stock 2041 (III)**
Retail Investors - ISIN: **MT0000014374**
Wholesale Investors (Auction) - ISIN: **MT0000014382**
ISIN following the merge of the Stock after the first interest payment: **MT0000014390**

**Combined Issuance of Euro 300,000,000 subject to an over-allotment option of up to a maximum of Euro 200,000,000 in the event of oversubscription**

**Date of issue of the Offering Circular: 25 September, 2026**

**OFFERING CIRCULAR**

**1. Issuance of Malta Government Stocks**

The Accountant General is offering an aggregate nominal amount of Euro 300,000,000 of Malta Government Stocks which are being offered and made available in any one or any combination of the following two stocks:

(1) **4.30% Malta Government Stock 2037 (II)**; and
(2) **4.50% Malta Government Stock 2041 (III).**

**2. General**

This Offering Circular is issued in terms of article 25(1) of the Government Borrowing and Management of Public Debt Act (Cap. 575 of the Laws of Malta), Regulation 6(3) of the Malta Government Stocks Regulations and in terms of the arrangements described in the General Prospectus of the Malta Government Stocks related to the issuance of Malta Government Stocks published on the Government Gazette of 30 November 2018 together with its subsequent amendments published by virtue of Government Notice No. 176 in the Government Gazette of Thursday, 9 February 2023. The terms of the General Prospectus apply to the above Malta Government Stocks and to the combined issuance described in this Offering Circular except where expressly varied.

The Malta Stock Exchange plc, a public limited liability company duly registered and validly existing under the laws of Malta with company registration number C42525 and with its registered office at Garrison Chapel, Castille Place, Valletta, VLT 1063, Malta has been appointed as exclusive Registration Manager to The Treasury Department in relation to the non-**competitive part of this issuance intended for retail investors.**

**3. Payment of Interest**

Interest on each Stock is payable half yearly in arrears and is calculated in accordance with sub-articles 4.1(a) to 4.1(d) of the General Prospectus.

(a) Interest at the rate of 2.15% in respect of the 4.30% Malta Government Stock 2037 (II) shall be payable semi-annually in arrears on 17 March and 17 September in every year for the duration of the Stock save for the first interest payment which will be on 17 March 2027 as follows:

(i) In the case of accepted applications submitted by members of the public under sub-article 5 (a) below (non-competitive issue), the first interest payment will be made at the rate of 1.853039% and will include accrued interest for the period from 12 October 2026 (the issue date) up to and including 16 March 2027 (both dates inclusive);

(ii) In the case of accepted bids submitted by wholesale investors under sub-article 5 (b) (auction system), the first interest payment will be made at the rate of 1.841160% and will include accrued interest for the period from the settlement date of the auction, 13 October 2026 (the issue date) up to and including 16 March 2027 (both dates inclusive).

(b) Interest at the rate of 2.25% in respect of the 4.50% Malta Government Stock 2041 (III) shall be payable semi-annually in arrears on 22 February and 22 August in every year for the duration of the Stock save for the first interest payment which will be paid on 22 February 2027 as follows:

(i) In the case of accepted applications submitted by members of the public under sub-article 5 (a) below (non-competitive), the first interest payment will be made at the rate of 1.626359% and will include accrued interest for the period from 12 October 2026 (the issue date) up to and including 21 February 2027 (both dates inclusive);

(ii) In the case of accepted bids submitted by wholesale investors under sub-article 5 (b) below (auction system), the first interest payment will be made at the rate of 1.614130% and will include accrued interest for the period from the settlement date of the auction, 13 October 2026 (the issue date) up to and including 21 February 2027 (both dates inclusive).

**4. Maturity**

The Stocks on issue shall be redeemed as follows:

(a) The **4.30% Malta Government Stock 2037 (II)** will be repaid at par on **17 March 2037**; and
(b) The **4.50% Malta Government Stock 2041 (III)** will be repaid at par on **22 August 2041**.

**5. Issuance and Method of Application**

The issuance of the Malta Government Stocks shall be done by way of combined issuance, composed of two elements, (1) a portion by non-competitive issuance typically for retail investors and simultaneously, (2) a portion by competitive auction for wholesale investors.

(a) Retail Investors:

Applications for the non-competitive part of the issuance can be made by eligible retail investors in their own name for their own benefit or jointly with one or more eligible persons. The applications shall be made in accordance with sub-article 6.2 to sub-article 6.7 of the General Prospectus.

(i) Application forms submitted under the non-competitive element of the issuance must be made for a minimum of €100 up to a maximum amount of €499,900 nominal per person in multiples of €100 in any or each of the two Stocks at the fixed price to be established for each Stock in accordance with Article 7 of the General Prospectus.

(ii) All applications are to be made on the prescribed form. Application forms may be obtained from and lodged with any of the members of the Malta Stock Exchange and other Authorised Investment Service Providers by not later than the closing date and time indicated at Article 6 (a) below. The Applications can also be downloaded from Treasury's website at (https://treasury.gov.mt/en/services/).

(iii) Applications in the name of 'Nominee a/c' and/or 'Clients a/c' for and on behalf of clients will only be accepted if accompanied by a list showing the identity card number or in case of a body corporate, the relevant identification number of their respective clients. The amount applied for by any single person or jointly with one or more eligible person as joint applicants, listed under the 'Nominee a/c' and/or 'Clients a/c' must not exceed €499,900 in nominal value per person in any or each of the two Stocks.

(b) Wholesale investors (Auction):

The applications for the competitive part of the issuance shall be made on a competitive basis by auction in accordance with Article 8 of the General Prospectus.

(i) Each application in any or each of the two Stocks must be in the form of a competitive bid for a minimum nominal value of €500,000 and in multiples of €500,000 each thereafter. Applicants under this category are precluded from applying also under sub-article 5 (a).

(ii) Bids on the prescribed application forms are to be transmitted by e-mail at the e-mail addresses indicated on the application form or deposited in the tender box situated at the Treasury's premises in Saint Anne's Street, Floriana and are to be received by not later than the closing date and time indicated at Article 6 (b) below.

(iii) Application forms may be obtained from all members of the Malta Stock Exchange, other authorised Investment Service Providers or downloaded from Treasury's website at (https://treasury.gov.mt/en/services/).

(c) The Accountant General reserves the right to reject any application or part thereof submitted either in the (i) non-competitive part (retail) or (ii) competitive part of the issuance (auction).

(d) All applications will be irrevocable after the closing time.

**6. Opening and Latest Time for Submission of Retail Applications and Auction Bids**

The applications open and close on the time and dates as indicated in paragraphs 6(a) and 6(b) below, or earlier at the discretion of the Accountant General:

(a) Retail Investors

Applications for retail investors open at **8.30 a.m. on Monday, 5 October 2026** and close at **2.30 p.m. on Wednesday, 7 October 2026.**

(b) Wholesale Investors (Auction)

After the closure of the application window reserved for retail investors, there shall be a bidding window for wholesale investors. Applications (bids) for participation in the competitive auction open at **8.30 a.m. on Friday, 9 October 2026 and close on the same day at noon (local time).**

**7. Publication of the Fixed Price linked to the Non-Competitive part of the Issue (Retail)**

The Accountant General will announce the fixed price of each Stock offered under the Non-competitive element of the combined issuance (Retail) on **Thursday, 1 October 2026**, after the close of business of the secondary market of the Malta Stock Exchange. The fixed price will be published by a Press Release to be issued by the Department of Information of the Government of Malta as well as on Treasury's website (Malta Government Stock News - treasury)

**8. Allotment**

Allotment will be made in accordance with sub-articles 10.1(a) to 10.1(e) of the Malta Government Stock General Prospectus. Retail investors who applied at the pre-announced fixed price under the non-competitive element of the issuance will be allocated first.

**9. Over-allotment Option**

The sum of money to be raised in any one or any combination of the two Stocks shall in the aggregate be Euro 300,000,000. The Accountant General reserves the right to increase the sum of money to be raised by an additional amount of up to a maximum of Euro 200,000,000 in the event of oversubscription.

**10. Fungibility**

The Accountant General reserves the right to issue, in future, additional amounts of each of the mentioned Stocks in further tranches. In the event of such further issues of these Stocks, they will carry the same rights as the existing Stocks and will be subject to the terms and conditions applicable to these Stocks. Further issues of these Stocks will be integrated with the respective existing Stock and will be deemed to be one Stock.

**11. Trading on the Malta Stock Exchange**

(a) Pursuant to the Financial Markets Act (Cap. 345 of the Laws of Malta), an application has been made to the Malta Financial Services Authority for the Stocks to be admitted to the Official List of the Malta Stock Exchange (MSE) and to be admitted for trading on the MSE's regulated market.

(b) On 17 March 2027 after the payment of the first interest as indicated in sub-articles 3(a) (i) and 3(a) (ii) any amount allotted in the 4.30% Malta Government Stock 2037 (II) shall be integrated and thereafter shall be deemed to be one Stock under ISIN **MT0000014366**.

(c) On 22 February 2027 after the payment of the first interest as indicated in sub-articles 3(b) (i) and 3(b) (ii) any amount allotted in the 4.50% Malta Government Stock 2041 (III) shall be integrated and thereafter shall be deemed to be one Stock under ISIN **MT0000014390**.

**12. Settlement of Payment for Sale of Stock**

(a) Retail Investors:

The amount due by retail investors in respect of applications submitted under non-competitive applications shall be settled with the applications in accordance with sub-article 13.1 (a) of the General Prospectus.

(b) Wholesale Investors (Auction):

Successful bidders at the auction shall settle the amount due in accordance with sub-articles 13.1(b) to 13.1(e) of the General Prospectus. For this purpose, the latest time and date for settlement of successful bids shall take place on **Tuesday, 13 October 2026 at 10.00 a.m. (Local Time) on a T+2 basis.**

**13. Governing Law and Jurisdiction**

The relevant legislation under which Malta Government Stocks are being issued are (a) The Government Borrowing and Management of Public Debt Act (Cap. 575 of the Laws of Malta), (b) Budget Measures Implementation Act, (Cap. 655), (c) the Malta Government Stocks Regulations and (d) the Malta Government Stock General Prospectus.

Any legal proceedings arising under these prospectuses governing the issuance of Malta Government Stocks will be governed by and construed in accordance with the laws of Malta. The Courts of Malta will have exclusive jurisdiction in relation to any dispute that may arise out or in connection with Malta Government Stocks issued under these prospectuses.

**14. Collective Action Clauses (CACs)**

These Stocks are subject to the Collective Action Clauses, a summarised version of which can be found in the Malta Government Stock General Prospectus. The full terms of the CACs can be found on Treasury's website (https://treasury.gov.mt/en/collective-action-clauses/). Pursuant to the decision of the European Council of 24 - 25 March 2011, and in accordance with Paragraph 3 of Article 12 of the European Stability Mechanism (ESM) Treaty, the model Collective Action Clauses became mandatory in all new euro area government securities with maturity above one year issued on or after 1 January 2013.

Note: The value of the investment may go up or down during the tenor of the Stock.

The Treasury
Debt Management Directorate Floriana – Malta

25th September, 2026

**Nru. 1445**

## NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FIN-NAXXAR

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-artikolu 115 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija (Kap. 10), il-Prim Ministru għoġbu jordna illi n-numri/ismijiet ta' bibien fit-triq imsemmija fin-Naxxar, hawn taħt elenkati u speċifikati f'din l-iskeda, għandhom jinbidlu kif jidher fl-iskeda msemmija.

**No. 1445**

## NUMBERING OF DOORS AT IN-NAXXAR

IN exercise of the powers conferred by section 115 of the Code of Police Laws (Cap. 10), the Prime Minister has been pleased to order that the numbers/names of the doors in the undermentioned street at In-Naxxar, specified in the subjoined schedule, be altered as stated in the said schedule.

SKEDA/*SCHEDULE*

**IN-NAXXAR**

**TRIQ IS-SENESKALK**

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq Jean De La Valette

*Left side entering from Triq Jean De La Valette*

| Isem/Numru Qadim<br>*Name/Old Number* | Numru Ġdid<br>*New Number* |
|---|---|
| Shamal Court | 1 |
| Zion | 3 |
| Daħla għall-garaxxijiet | 5 |
| Garaxx (1) | 7 |
| Garaxx (2) | 9 |
| Garaxx (3) | 11 |
| Garaxx (4) | 13 |
| Caldera (Flettijiet) | 15 |
| Albert Flats | 17 |
| Garaxx | 19 |
| Garaxx (6) | 21 |
| Chloe (Ħanut) | 23 |
| Sit bla bini | 25 |
| Sit bla bini | 27 |
| Sit bla bini | 29 |
| Sit bla bini | 31 |
